# KALENDARJU

## ĠDID GĦAL KOLLOX

*Dan li jien hawn taħt ktibt ma hux proġett tiegħi, imma ħadtu minn artiklu miktub bil-lsien internazzjonali* Ido *minn persunaġġ Ingliż:* F. SWEETLOVE *u miġjub fir-Rivista ta' kull xahar* Ido *ta' Jannar ta' dis-sena 1929 li d-Direttur tagħha hu:* ALBERT NOETZLI, *ta' Zurich, Svizzera, li hu ukoll il-Kaxxier ta' l-Akkademija Idista.*

*Gudja fil-10 ta' Frar, 1929* GEITAN GRIXTI.

## KELMTEJN FUK IL-ĦTIEĠA TA' KIF HU XIERAQ U GĦANDU JKUN IMSEWWI L-KALENDARJU.

Il-Kalendarju għandu bidu Eġizzjan. L-Eġizzjani kienu jinqdew bi tnax-il-xahar indaqs kull sena. Kull xahar kien fih 30 jum, li jġibu 360 jum, u l-bqija ta' ħamest ijiem oħra kienu jkunu vakanzja fl aħħar tas-sena.

Ġulju Cesare, wara li ħa l-Eġittu taħt il-ħakma tiegħu, beda jimxi fuq l-iżjed kalendarju tajjeb tal-Eġittu. Is-sena 46 ta' qabel Kristu, bdieha b'Jannar b'31 jum, Frar kellu skond id-drawwa 29 jum, iżda meta s-sena taħbat bisestili

kien ikun bi 30 jum; l-għaxar xhur l-oħra kellhom: mîn 31 u mîn 30 jum. Mill-bqija l-ebda xahar ma kien iffissat skond l-astronomija.

Ma' dwar 18-il-sena wara, dan l-użu tax-xhur li darba ikunu b'31 jum u darb'oħra bi 30, kien mibdul biex jikkuntentaw il-vanità ta' Awgustu Cesare, illi bi tliet daqqiet ta' pinna biddel id-29 ta' Frar għal 31 ta' Awissu, għal 31 ta' Settembru, 31 Ottubru, 31 Novembru u 31 Diċembru. Dan it-tibdil żejjed tilef il-kobor indaqs tax-xhur u l-istaġuni; u b'dan il-mod Awgustu kien ġieb it-taħwid tant fil-kobor indaqs tażżmenijiet li ma' baqgħux jaqblu wieħed ma' l-ieħor kemm ukoll fl-infiq u l-qligħ.

Dawk ix-xhur Rumani liberi ma' kinux żjieda tal-ġimgħa b'sebat-ijiem li minn meta kienet saret il-għaqda tal-Kalendarju użat minn nazzjonijiet kollha għal dawk li huma interessi tal-familji, tal-kummerċ u tal-poplu kollu; u għaldaqshekk taħwid akbar kien sar wara li Kostantinu l-Kbir, (bin Santa Liena) fis-sena 321 ta' wara Kristu, kien stabbilixxa l-ġimgħa b'sebât ijiem u bil-Ħadd bħala jum tal-mistrieħ. Sa dik id-data, ir-Rumani kienu jużaw il-ġmiegħi bi tmint ijiem f'kull waħda bla ebda jum ta' mistrieħ. Huma kienu taw isem lil kull jum mit-8 ijiem tal-ġimgħa, iżda il-Lhud u l-Insara kienu jgħoddu biss kull wieħed mis-sebât ijiem tal-ġimgħa tagħhom. Il-Lhud kienu jistrieħu f'kull l-aħħar jum tal-ġimgħa, fis-Sibt; iżda l-Insara kienu jistrieħu fl-ewwel jum, il-Ħadd. Kostantinu kellu tama li jgħaqqad Insara u Lhud biex jużaw l-istess jum ta' mistrieħ bħar-Rumani. Għalhekk hu gieghel li l-ġimgħa tar-Rumani tkun b'sebat ijiem bil-Ħadd festa, li tkun bħal tal-Kalendarju Nisrani u prattikata mir-Rumani wkoll. Iżda billi s-sena fiha 365 jum, jiġifieri jum iżjed fuq 52 ġimgħa, b'dan it-tibdil tal-ismijiet tal-ġranet tħawdu u minn dak iżżmien ma' baqgħux jaqblu għall-istess dati ma' tul kull xahar u sena.

Allura r-Rumani u l-Insara wkoll bdew jużaw it-tibdil tal-ismijiet tal-ġranet illi jiġru darba f'kull raba' sena, u taw permezz ta' dan l-isem ta' "Jum bisestil", li kien stabilixxa Ġulju Cesare minn qabel u li l-Lhud ma kinux laqgħuh.

B'dan it-tibdil fl-isem ta' żewġ ġranet ġara li l-vaganzi tal-Milied, ta' l-ewwel tas-sena u ta' festi oħra bdew jaħbtu fi ġranet differenti, anki l-ħdud, u hekk qiegħd jiġri ħafna xkiel illi la l-ħaddiem u l-anqas ħaddieħor ma jixtieqhom.

Fis-sena 325 Wara Kristu, il-Koncilju nisrani ta' Niċea kien iddegreta, li d-data tal-jum tal-*Għid l-Kbir* għandha

tinbidel biex tibda tiġi wara l-ewwel qamar kwinta li jaħbat wara l-21 ta' Marzu. Hekk. Ħadd il-Għid jiġi skond il-qamar, bejn il-21 ta' Marzu u l-25 ta' April. F'dak iż-żmien, għal pellegrini li kienu jivviaġġaw minn bosta bliet għal fejn iċ-ċerimonji tal-Għid kienu jsiru bl-akbar pompa u solennità f'kull sena, kien meħtieġ li f'dawk il-jiem ikun id-dawl tal-qamar; iżda fiż-żmien tal-lum id-dawl tal-qamar ma għadux iżjed meħtieġ biex tivvjaġġa, imma b'dan kollu t-tibdil tad-dati tal-Għid baqa' miexi u jbixkel il-mixi regulari taż-żmien għal-iskejjel, kulleġġi, qrati u parlamenti. Barra minn dan, qiegħed iġib ukoll ħafna telf u xkiel iħor fil-ħajja familjari u kummerċjali barra milli jitnaqqsu wkoll il-vantaġġi li kull persuna tista' tgawdi ma' tul l-akbar vaganzja tar-Rebbiegħa.

Billi issa l-ġimgħa biss hi l-għaqda universali biex biż-żmien tqejjes l-affarijiet tal-bniedem, il-ġranet tax-xogħol u tal-mistrieħ, kif ukoll iż-żmien tan-negozju fix-xiri u l-bejgħ wieħed għandu jarġa' jqassam il-ġimgħat indaqs fost ix-xhur tas-sena. Il-bżonnijiet li kull ma jmur qegħdin dejjem iżjed jikbru fiċ-ċivilizzazzjoni moderna jistgħu jkunu moqdijin biss meta x-xhur u s-snin ikunu saru mdaqqsin bil-ġimgħat regulari; b'Kalendarju sempliċi u bla ebda tfixkil fil-mixi tiegħu biex jaqdi l-bżonnijiet, ikun ta' għajnuna kbira fix-xogħol u l-kummerċ, il-flus jimxu iżjed, u li jkun meħtieġ fil-ħajja tal-bniedem għall-ġid tal-umanità kollha.

Kieku aħna jkollna sena li fiha kull xahar ikun magħmul minn 28 jum li jitqassmu f'erba' ġimgħat ta' sebât ijiem f'kull waħda, il-kalendarju jissimplifika ħafna, u s-sena tkun magħmula minn 13-il-xahar indaqs ta' 28 jum b'kull wieħed b'dan il-môd:

| Ħadd, | Tnejn, | Tlieta, | Erbgħa, | Ħamis, | Ġimgħa, | Sibt. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |

Għalhekk issa jkun meħtieġ li jsir xahar ġdid, li jmissu jitqiegħed bejn ix-xhur ta' Ġunju u Lulju. Hemm diġa l-ħsieb li x-xahar il-ġdid ikun imsemmi: *Sol* (Xemx) jiġifieri *Ix-xahar tax-xemx*, għaliex f'dak iż-żmien jaħbat is-solstizju tas-sajf. B'hekk 364 jum ta' kull sena għaliha jibqgħu msemmijin regulari. Il-jum 365 (l-aħħar jum tas-sena) jkun jissejjaħ *Jum is-Sena*. Bl-istess mod għandu jiġri wkoll

meta darba f'kull raba' sena taħbat is-sena bisestili, id-29 jum ta' Frar għandu jibda jissejjaħ *Il-Jum Bisestil*. Skond proposta oħra, jkun anzi xieraq li dan il-*Jum Bisestil* jitqiegħed bejn l-aħħar jum ta' Ġunju u l-ewwel jum tax-xahar il-ġdid ta' *Ix-xemx*, u dan il-jum ikun ukoll vaganzja għal kullħadd.

Minnħabba fil-bdil tal-ismijiet tal-ġranet fid-dati, il-festi tal-Milied, ta' l-ewwel tas-sena (l-Istrina) u ta' xi ġranet oħra li soltu ma tul is-sena skond l-użu huma vaganzja għal kullħadd, f'xi snin jiġu jaħbtu mal Ħadd, li minnu n-nifsu hu festa kmandata, jew fost il-ġimgħa; hekk fil-waqt li jiġi miżmum il-mixi tal-kummerċ, il-ħaddiem jiġi wkoll imċaħħad minn vaganzja aktar tajba li tiġi mogħtija meta l-ġranet tal-festi jaħbtu mal-ġranet li jmissu mal-jum tal-Ħadd.

Kien ikun ukoll wisq xieraq kieku l-jum ta' *Ħadd il-Għid il-Kbir* ikun iffissat għal madwar April. Li l-Għid jitqiegħed f'jum fiss, u l-Kalendarju jsir b'dan il-mod iktar sempliċi, ħabbat għal żmien twil il-ħsieb ta' bosta għorrief minn diversi pajjiżi. Saru kungressi sew nazzjonali kemm ukoll internazzjonali li ddiscutew dan il-problema, u fl-aħħar kien ippreżentat lil-Lega tan-Nazzjonijiet, illi waqqfet Kumitat speċjali biex jeżamina bir-reqqa kollha din il-ħaġa.

F'Settembru tal-1926 dak il-Kumitat maħtur mil-Lega tan-Nazzjonijiet ta rapport favur dan il-proġett, u l-aktar favur li l-Għîd ikun fiss fil-jum tiegħu. Barra minn dan ebda tmerija ma saret minn awtoritajiet reliġjużi li minnhom, il-kotra hija wkoll favur dil-ħaġa. Is-Santa Sede stqarret: li l-Għid billi jkun fiss fil-jum tiegħu ma jġib ebda ħsara fit-twemmin tar-Reliġjon, u anzi, jekk jaraw li dil-ħaġa tkun ta' ġid u ta' vantaġġ universali, is-Santa Sede tpoġġi din il-kwistjoni f'Konċilju Ekumeniku.

Il-Kumitat maħtur biex jeżamina u jfittex sewwa u fuq kollox għas-sempliċità tal-kalendarju, ħaqqaq u żamm: li s-sena għandha titqassam fi 13-il-xahar indaqs ta' 28 jum f'kull wieħed, jew ta' erba' ġimgħat b'sebât ijiem f'kull waħda. Skond dan it-taqsim ikun meħtieġ ukoll li jinħatar jum ieħor li jissejjaħ: *Jum is-Sena* u jkun l-aħħar jum tas-sena wara it-28 ta' Diċembru, u jum ieħor għal darba f'kull 4 snin li jissejjaħ *Jum Bisistil* u jitqiegħed wara t-28 ta' Ġunju. Jibqa' mbagħad ix-xahar il-ġdid li jissejjaħ *Sol* jew *Xahar ix-Xemx* u jitqiegħed bejn ix-xhur ta' Ġunju u Lulju. Hekk ix-xhur kollha jkunu ndaqs, ikollhom kull wieħed 28 jum, jew 4 ġimgħat. B'din it-tiswija meħtieġa, iż-żmienijiet ta' profitti u nfiq ikunu dejjem jaqblu wieħed ma' l-ieħor.

B'eżempju ta' ħtieġa għal dan il-pruġett universali għat-tiswija tal-Kalendarju, wieħed jista' jsemmi l-fatt li fl-Indja biss jeżistu 15-il-Kalendarju differenti li dejjem huma ppikati kontra xulxin. Ħames kalendarji oħra diversi huma użati fl-ibliet ta' Shangaj, Kalkutta, Kajr u Kostantinopli. Minn dan kollu naraw li l-ħajja tal-kummerċ u tal-industriji hija ħaġa li xxabba', il-progress hu mfixkel u n-nuqqas tal-ftehim fir-reliġjon kullma jmur dejjem jikber.

## IL-FESTI MOBILI LI BIT-TISWIJA FIL-KALENDARJU JIBDEW ISIRU FI ĠRANET FISSI TAS-SENA

Il-festa tal-Isem ta' Ġesù, fil-Ħadd 8 ta' Jannar
It-Tielet Ħadd ta' qabel ir-Randan Ħadd 8 ta' Frar
Ras-ir-Randan, l-Erbgħa 25 ta' Frar
Ħadd il-Palm, fil-Ħadd 8 ta' April
Il-Ġimgħa l-Kbira, il-Ġimgħa 13 ta' April
Ħadd il-Għid il-Kbir, fil-Ħadd 15 ta' April
Il-Patroċinju ta' S. Ġużepp, fl'Erbgħa 4 ta' Mejju
Rogazzjonijiet fit-2 . 3 . 4 ta' Ġunju
Lapsi (Tlugħ fis-Sema ta' S. G. K.) fil-Ħamis 5 ta' Ġunju
Għid il-Ħamsin fil-Ħadd 15 ta' Ġunju
L-Imqaddsa Trinità fil-Ħadd 22 ta' Ġunju
Is-Solennità ta' Santu Korp, Ħamis 26 ta' Ġunju
Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, Ġimgħa 6 ta' Ix-Xemx
L-Ewwel Ħadd tal-Avvent, Ħadd 1 ta' Diċembru.

## BTAJJEL JEW FESTI KMANDATI OĦRA LI SOLTU AKTARX JAĦBTU FOST IL-ĠIMGĦA

L-Ewwel jum tas-Sena, fil-Ħadd 1 ta' Jannar
It-Tre Re (Is-Slaten Magi) Ġimgħa 6 ta' Jannar
Konversjoni ta' S. Pawl, fl-Erbgħa 25 ta' Jannar
Nawfraġju ta' S. Pawl, It-Tlieta 10 ta' Frar
San Ġużepp, Il-Ħamis 19 ta' Marzu
San Ġwann Battista, It-Tlieta 24 ta' Ġunju
SS. Pietru Pawl, Is-Sibt 28 ta' Ġunju
Sta. Marija Assunta, Il-Ħadd 15 ta' Awissu
Il-Qaddisin kollha, Il-Ħadd 1 ta' Novembru
Il-Kunċizzjoni ta' M. V., Il-Ħadd 8 ta' Diċembru
Il-Milied ta' S. Ġ. K., l-Erbgħa 25 ta' Diċembru.